



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.8.2011
KUMM(2011) 488 finali

2011/0215 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') fil-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħjut tal-poliester ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ('RPĊ') u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan.

- **Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Proposta għall-ġħoti ta' trattament ta' produttur esportatur ġdid lil esportatur ġdid tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni Ewropea.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn u ma' għanijiet tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati bil-proċedura kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm bżonn ta' ebda għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix stima tal-impatt ġenerali iżda fih lista eżawrjenti

ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsis tal-azzjoni proposta**

Il-proposta meħmuża għal Regolament tal-Kunsill hija bbażata fuq is-sejba definittiva li produttur esportatur Ċiniż wieħed issodisfa l-kriterji kollha biex jiġi jingħata l-istatus ta' produttur esportatur ġdid, u għaldaqstant għandu jkun suġġett għad-dazju antidumping medju b'piż iddifferenzjat ta' 5.3 %.

- **Bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku').

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari ta' Ċina, ma joffri l-ebda ambitu għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċittadini huwa mminimizzat u pproporzjonat mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa minħabba r-raġuni li ġejja:

Ir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4) IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010²,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 1105/2010, il-Kunsill impona dazju definittiv tal-antidumping fuq importazzjonijiet ta' ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja (għajr il-ħjut użat fil-ħjata), liema prodott ma jitqiegħedx għall-bejgħ bl-imnut, u li jinkludi monofilament ta' anqas minn 67 deċitex u li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ") u li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 5402 20 00 ("il-prodott ikkonċernat").
- (2) Billi hemm numru kbir ta' produttori esportaturi li kkooperaw fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju antidumping ("l-investigazzjoni oriġinali") fir-RPĊ, intgħażel kampjun ta' produttori esportaturi Ċiniżi u ġew imposti rati individwali tad-dazju li jvarjaw minn 0 % għal 5.5 % fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun, waqt li kumpaniji oħra li kkooperaw imma li mhumiex inklużi fil-kampjun ingħataw rata ta' dazju ta' 5.3 %. Żewġ kumpaniji li kkoperaw u li ma kinux fil-kampjun ngħataw eżami individwali fit-tifsira tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51

² ĠU L 315, 1.12.2010, p. 1

bażiku, irċevew dazji ta' 0 % u 9.8 %. Rata ta' dazju ta' 9.8 % għall-RPĊ ġiet imposta fuq il-kumpaniji l-oħrajn kollha.

- (3) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1105/2010 jagħti l-possibbiltà lill-produtturi esportaturi Ċiniżi ġodda li jissodisfaw il-kriterji kif stipulati f'dak l-Artikolu li jingħataw ir-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkoperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri 5.3 %.

B. IT-TALBIET TAL-PRODUTTURI ESPORTATURI ĠODDA

- (4) Żewġ kumpaniji (l-applikanti) talbu biex jingħataw "Trattament lil Produttur Esportatur Ġdid" (NEPT).
- (5) Sar eżami biex jiġi stabbilit jekk kull applikant jissodisfax il-kriterji biex jingħataw n-NEPT kif stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010, billi ġie vverifikat li l-applikant:
- huwa produttur tal-prodott ikkonċernat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina,
 - ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni waqt il-perjodu tal-investigazzjoni li l-miżuri ġew ibbażati fuqu (mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009),
 - ma huwa relatat ma' ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma suġġetti għall-miżuri imposti b'dak ir-Regolament,
 - effettivament esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,
- (6) Intbqgħatu kwestjonarji lill-applikanti fejn dawn intalbu jipprovdu evidenza sabiex juru li ssodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq.
- (7) Il-Kummissjoni Ewropea fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ biex jiġi ddeterminat jekk ġewx sodisfatti l-kriterji stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1105/2010. Iż-żjarat ta' verifika twettqu fl-istabbilimenti taż-żewġ applikanti:
- Jiangsu Hengli Chemical Fibre Co. Ltd,
 - Amann Twisting Yancheng Co. Ltd.

C. IS-SEJBIET

- (8) Fil-każ ta' applikant wieħed, Jiangsu Hengli Chemical Fibre Co. Ltd, l-eżami tat-tagħrif li ntbaqgħat wera li kienet ġiet ipprovduta biżżejjed evidenza biex turi li dan jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010. Għalhekk, dan l-applikant jista' jingħataw rata tad-dazju medja differenzjata għall-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun (jiġifieri

5.3 %) skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1105/2010, u għandu jiġi miżjud fil-lista ta' produtturi esportaturi tal-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.

- (9) Fil-każ tal-applikant l-ieħor, Amann Twisting Yancheng Co. Ltd, l-eżami tat-tagħrif mibgħut wera li kienet ġiet ipprovduta biżżejjed evidenza biex turi li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010. B'mod partikolari, l-investigazzjoni kixfet li l-materja prima ewlenija użata waqt il-manifattura, il-ħjut tal-polijesteri ta' tenaċità għolja, ma jipproduċi hiex l-applikant iżda hija mixtrija minn fornituri mhux relatati. Il-filament jiġi pproċessat mill-applikant matul stadji tal-produzzjoni differenti, inkluż it-tagħwiġ u fl-aħħar jintbagħat għall-esportazzjoni taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Peress li l-applikant ma pproduċiex il-prodott ikkonċernat iżda fil-verità kemm ipproċessah, ġie konkluż li Amann Twisting Yancheng Co. Ltd ma jistax jiġi kkunsidrat bħala l-produttur tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant huwa ma jissodisfax ir-rekwiżit għan-NEPT li l-kumpanija li titlob dan it-trattament trid tkun 'produttur' tal-prodott ikkonċernat.
- (10) Għaldaqstant, it-talba tagħha għan-NEPT giet miċhuda.

D. MODIFIKA TAL-LISTA TA' KUMPAĖIJI LI JGAWDU MINN RATI INDIVIDWALI TAD-DAZJU

- (11) B'konsiderazzjoni tas-sejbiet tal-investigazzjoni kif indikat fil-premessa (8) ta' hawn fuq, ġie konkluż li l-kumpanija Jiangsu Hengli Chemical Fibre Co. Ltd għandha tiżdied mal-lista tal-kumpaniji msemija individwalment skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1105/2010 li għandhom rata ta' dazju ta' 5.3 %.
- (12) L-applikanti u l-industrija tal-Unjoni ġew infurmati bis-sejbiet tal-istħarriġ tal-investigazzjoni u ngħataw l-opportunità li jibagħtu l-kummenti tagħhom.
- (13) L-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-partijiet interessati ġew analizzati u fejn meħtieġ ġew ikkunsidrati kif inhu xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 għandu jinbidel b'dan li ġej:

ANNESS

PRODUTTURI ESPORTATURI ĊINIŻI LI QEGĦDIN JIKKOOPERAW MHUX MAGĦŻULA GĦALL-KAMPJUN

Kodiċi addizzjonali TARIC A977

Isem il-kumpanija	Belt
Heilongjiang Longdi Co. Ltd.	Harbin
Jiangsu Hengli Chemical Fibre Co. Ltd,	Wujiang
Hyosung Chemical Fiber (Jiaxing) Co. Ltd.	Jiaxing
Shanghai Wenlong Chemical Fiber Co. Ltd.	Shanghai
Shaoxing Haifu Chemistry Fibre Co. Ltd.	Shaoxing
Sinopec Shanghai Petrochemical Company	Shanghai
Wuxi Taiji Industry Co. Ltd.	Wuxi

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President